7 ta' Gunju 1954.

Imhallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Antonio Bezzina et. *versus* Giovanna Pace Consiglio

**Sentenza — Eżekuzzjoni — Interdett Salvjan — Titolu — Ipoteka.**

*Fil-ġurisprudenza tagħna s-salvjan ġie dejjem magħruf bħala wieħed mill-mezzi eżekutivi tas-sentenzi, avvolja ma hux annoverat fil-Liġi tal-Proċedura Ċivili mal-mezzi eżekutivi. U min-natura tiegħu stess jidher li hu mezz eżekutiv; għax qabel ma jiġi ntentat, hu neċessarju li l-kreditur ikollu titolu kanonizzat, jew almenu li jirriżulta minn titolu eżekutiv, u li jkun munit b'ipoteka debitament inskritta fir-Reġistru Publiku.*

*Għaldaqstant il-kreditur, li jkun ġie awtorizzat b'sentenza biex jeżegwixxi kontra d-debitur tiegħu kuntratti li minnhom jirriżulta kreditur, jista' jitlob l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza billi jiġi immess fil-pussess salvjan tal-beni tad-debitur.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, fil-kwalitajiet tagħhom fuq imsemmija, wara li jippremettu illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' Diċembru 1952 (dok. B) huma ġew awtorizzati jeżegwixxu (a) il-kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Angelo Cachia tal-15 ta' Jannar 1935, għall-kreditu ipotekarju ta' £50, bl-imgħax tas-sitta fil-

mija dovut mid-29 ta' Mejju 1946, (b) il-kuntratt fl-istess attijiet tat-28 ta'Ottubru 1940, għall-kreditu ipotekarju ta' £100, bl-imgħax ta' sitta fil-mija dovut mid-29 ta' Mejju 1946, u (c) il-kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Victor Bisazza tad-29 ta' Mejju 1946, għall-kreditu ipotekarju ta' £50. 5. 0. bl-imgħax tas-sitta fil-mija mill-istess data; b'dana li, mill-ammont komplessiv ta' l-imgħax fuq imsemmi, għandha tit-naqqas is-somma ta' £30 imħallsin mill-konvenuta akkont; u illi l-konvenuta baqgħet ma ħallset xejn, la l-imgħax u lanqas il-kapital, b'mod li l-konvenuta għandha tagħti ta' sentejn imgħax oħra, barra mill-imgħax li għaddejjin, kif ukoll ma ħallsetx l-ispejjeż ta' l-istess kawża, li jammontaw għal £11. 13. 1. skond l-annessa taxxa (dok. C); u illi l-konvenuta tipposjedi l-fondi numri 13, 14 u 15, North Street, il-Belt, suġġetti għall-ipoteki msemmija; jitolbu illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa, in ezekuzzjoni tal-kuntratti msemmijin huma, kif debitament awtorizzati mis-sentenza msemmija, jiġu immessi fil-pussess salvjan tal-fondi msemmija, billi huma jiġu awtorizzati li jamministraw l-istess fondi u jieħdu l-frutti tagħhom, u jimputawhom, l-ewwel għall-imgħax u għall-ispejjeż ġudizzjarji fuq imsemmija, u mbgħad għall-kapitali ta' £200. 5. 0. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, li ġiet imħarrka għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fid-dibattitu orali l-konvenuta ssottomettiet illi s-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti, imsemmija fiċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi ġew awtorizzati biex jeżegwixxu l-kuntratti msemmijin fl-istess att taċ-ċitazzjoni, ma tintitolax lill-istess atturi illi jintavolaw it-talba tagħhom miġjuba b'din l-azzjoni, dik, jiġifieri li huma jiġu immessi fil-pussess salvjan tal-fondi msemmijin fl-istess att;

Illi b'rigward għal dina s-sottomissjoni jingħad illi, kif ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April 1937, fil-kawża fl-ismijiet "Bonnici vs. Fava" (Vol. XXIX-I-1006), hi ħaġa magħrufa fil-ġurisprudenza tagħna illi s-salvjan ġie dejjem kunsidrat bħala wieħed mill-mezzi eżekutivi tas-sentenzi, avvolja mhux annoverat fil-Liġi tal-Proċedura Ċivili mal-mezzi

eżekutivi. Infatti, per mezz ta' l-interdett salvjan il-kreditur, minflok ma jipproċedi għall-mezzi iżjed drastiċi fuq il-beni tad-debitur tiegħu, bħal mandat ta' l-elevazzjoni jew issubasta ta' l-istabili, jew mezzi oħra li tagħtih il-liġi, u li huma gravużi għad-debituri ukoll, ma jitlob dan ir-rimedju, li fis-sustanza tiegħu mhux ħaġ'oħra ħlief sekwestru tal-frutti tal-beni posseduti mid-debitur, biex per mezz ta' dawk il-frutti l-kreditur jikkompensa ruħu gradatament mill-kredito tiegħu. Għalhekk jidher li minn natura stess ta' l-interdett salvjan, dan hu mezz eżekutiv; preċiżament għaliex, qabel ma jkun intentat, hu neċessarju illi l-attur ikollu kreditu kanonizzat, jew almenu li jirriżulta minn titolu eżekutiv, u li jkun munit b'ipoteka debitament inskritta fir-Reġistru Publiku;

Illi fil-każ taħt eżami jirriżulta mit-titolu eżekuttiv ta' l-atturi, li ġew awtorizzati biex jeżegwuħ minn dina l-Qorti b'sentenza tat-13 ta' Diċembru 1952 — titolu li hu wkoll debitament inskritt fir-Reġistru Publiku............;

Omissis;

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddeċidi adeżivament għall-istess talba; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.